



Brussell, 14 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10489/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0555 (COD)

COMPET 763	ECOFIN 809
IND 412	COH 115
MI 628	INDEF 124
CADREFIN 289	CULT 85
FIN 873	CYBER 289
RECH 280	JAI 819
ESPACE 101	DIGIT 163
CONSOM 193	DATAPROTECT 198
DUAL USE 47	FREMP 208
EDUC 269	RELEX 831
TELECOM 316	COPS 347
ENER 396	UD 180
ENV 724	AUDIO 84
CLIMA 328	PROCIV 129
AGRI 494	IPCR 64
TRANS 419	MAP 127
SAN 476	FISC 220
PHARM 106	CODEC 1164
BIOTECH 80	IA 164
POLMIL 237	CSC 401
POLGEN 167	

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK),
inkluż programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża
- Approċċ ġenerali parzjali

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK)¹ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Il-proposta tagħmel parti mill-pakkett tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-perjodu 2028-2034. L-objettiv tal-abbozz ta' Regolament huwa li jikkonsolida 14-il strument ta' finanzjament individwali fil-QFP attwali f'qafas uniku għall-investiment biex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea fit-teknoloġiji u s-setturi strateġiċi.
3. Il-pakkett indikattiv propost għall-FEK huwa ta' EUR 234.3 biljun fi prezzijiet attwali. Il-FEK, li jopera taħt ġabra unika ta' regoli u joffri gateway unika għall-finanzjament tal-applikanti, għandu l-għan li jissimplifika u jaççellera l-finanzjament tal-UE u jkun kataliżi għall-investiment privat u pubbliku. Huwa strutturat madwar erba' twieqi ta' politika li jirriflettu l-prijoritajiet strateġiċi biex jiġu żviluppanti l-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE: (1) it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali; (2) is-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-agrikoltura u l-bioekonomija; (3) it-tmexxija diġitali; u (4) il-materja prima kritika, l-industrija tad-difiża, l-industrija spazjali u tas-sigurtà ċivili.
4. Fid-9 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta legiżlattiva².
5. Fit-23 ta' Marzu 2026, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta legiżlattiva³.
6. Fil-15 ta' Jannar 2026, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri adottat l-opinjoni tagħha dwar il-proposta legiżlattiva⁴.

¹ 11770/1/25 REV 1.

² 16636/25.

³ 7660/26.

⁴ 5397/26.

II. IL-PROGRESS LI SAR FIL-KUNSILL

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddeċieda li jistabbilixxi sottogrupp tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) fil-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP. Is-sottogrupp beda l-ħidma tiegħu f'Settembru 2025.
8. Matul il-Presidenza Daniża ġew organizzati 21 laqgħa tas-sottogrupp tal-FEK biex jiġu eżaminati l-proposta tal-Kummissjoni, il-valutazzjoni tal-impatt u diversi testi ta' kompromess tal-Presidenza. Il-Presidenza Daniża organizzat diskussjonijiet separati dwar il-parti orizzontali (il-Kapitoli I, II, III u VIII) u t-twieqi ta' politika (il-Kapitoli IV sa VII). L-artikoli u l-premessi bejn parentesi ma ġewx diskussi fis-sottogrupp tal-FEK iżda ġew riferuti lura lill-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP. Il-Presidenza Daniża ppreżentat tliet testi ta' kompromess tal-Presidenza dwar il-parti orizzontali u l-ewwel test ta' kompromess tal-Presidenza dwar it-twieqi ta' politika u l-premessi.
9. Il-Presidenza Daniża talbet l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill dwar il-partijiet tat-test li jindirizzaw is-sigurtà tal-informazzjoni, jiġifieri l-Artikolu 13 (Applikazzjoni tar-regoli dwar informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva), l-Artikolu 51(9) u (10) (Regoli tal-eliġibbiltà kumplimentari għall-għotjiet), l-Artikolu 55 (Regoli addizzjonali applikabbli dwar informazzjoni klassifikata), l-Artikolu 69 (Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni għall-preservazzjoni tas-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi spazjali operazzjonali tal-Unjoni), l-Artikolu 77(2), il-punt (d) (Prinċipji ta' governanza) u l-Artikolu 78 (Regoli komplimentari dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata). Il-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill ta opinjoni⁵ fit-30 ta' April 2026, li ttieħdet inkunsiderazzjoni fit-test ta' kompromess tal-Presidenza.

⁵ 8734/26.

10. Il-Presidenza Ċiprijotta, abbażi ta' diskussjonijiet sussegwenti ta' kull artikolu u oħrajn tematiċi fi 19-il laqgħa oħra tas-sottogrupp tal-FEK, ħejjiet erba' testi ta' kompromess oħra tal-Presidenza u talbet gwida politika mill-Coreper fi tliet okkażjonijiet. Il-Coreper ipprova orjentazzjoni politika b'mod partikolari dwar il-kwistjoni ta' kif jista' jinstab bilanċ bejn l-iżgurar ta' proġetti ta' kwalità għolja u ta' impatt għoli u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi differenti madwar l-UE. Il-Coreper ta parir ukoll dwar kif ir-Regolament propost dwar il-FEK jista' jiġi ssupplimentat b'dispożizzjonijiet dwar l-interazzjoni bla xkiel futura fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-programm qafas għar-riċerka Orizzont Ewropa li jmiss, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu involuti b'mod attiv fl-identifikazzjoni u l-istabbiliment ta' prijoritajiet komuni fil-livell strateġiku filwaqt li jitqiesu b'mod adegwat l-oqsma prijoritarji tar-riċerka u l-innovazzjoni.
11. Wara d-diskussjoni tal-Coreper fid-29 ta' Mejju 2026 u l-10 ta' Ġunju 2026, il-Presidenza ħarġet żewġ proposti ta' kompromess riveduti oħra⁶, bil-ħsieb li jiġu approvati fil-Coreper fl-14 ta' Ġunju 2026 u li sussegwentement jiġi adottat approċċ ġenerali parzjali mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-16 ta' Ġunju 2026.
12. Peress li r-Regolament propost jagħmel parti mill-pakkett ta' proposti marbuta mal-QFP, id-dispożizzjonijiet kollha fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni li għandhom implikazzjonijiet baġitarji jew li jikkorrispondu għall-elementi li jagħmlu parti min-negozjati orizzontali dwar il-QFP tqiegħdu f'parentesi, u għalhekk huma esklużi mill-approċċ ġenerali parzjali sakemm isir aktar progress fuq il-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet jidhru bejn parentesi kwadri fit-test.

⁶ 9914/26 u 10443/26.

Barra minn hekk, fl-Artikolu 21, il-Presidenza introduċiet perċentwal tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE tal-Istrument InvestEU tal-FEK li għandu jingħata lill-Grupp tal-BEI, u perċentwal minimu ta' kontribuzzjonijiet mill-ammonti indikattivi għall-erba' twieqi ta' politika li għandhom jingħataw permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK. Peress li dawn iż-żewġ żidiet jiddependu min-negozjati orizzontali dwar il-QFP, żdieđu parentesi kwadri madwar il-perċentwali rilevanti, li għalhekk huma esklużi wkoll mill-approċċ ġenerali parzjali sakemm isir aktar progress fuq il-QFP.

13. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi fit-twieqi ta' politika ta' difiża u spazjali fil-premessa (36a), l-Artikoli 50 u 65(5), li jeħtieġu aktar diskussjoni, mhumiex koperti minn dan l-approċċ ġenerali parzjali u għalhekk jinsabu f'parentesi tondi.

III. IS-SITWAZZJONI ATTWALI FIL-PARLAMENT EWROPEW

14. Il-Parlament Ewropew irrefera l-fajl lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE), li ħatar lil Christian Ehler (PPE, DE) u Dan Nica (S&D, RO) bħala korapporteurs. L-abbozz ta' rapport tar-rapporteurs inħareġ fl-20 ta' April 2026 u ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-ITRE fis-6 ta' Mejju 2026, li formalment nediet il-fażi ta' skrutinju sostantiv u ta' emendi tal-Kumitat. L-adozzjoni tar-rapport finali mill-ITRE hija attwalment prevista għall-10 ta' Settembru 2026, b'votazzjoni dwar il-mandat ta' negozjar tal-Parlament Ewropew mill-Plenarja mistennija fis-sessjoni tad-19-22 ta' Ottubru 2026.

IV. L-ELEMENTI EWLENIN TAT-TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

15. L-elementi ewlenin tat-test ta' kompromess jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- a) Il-mudell ta' **governanza** propost juri tishiĥ u strutturar ċari tal-involvement tal-Kunsill u tal-Istati Membri fl-istadji kollha taç-ċiklu ta' implimentazzjoni. Il-proċedura ta' eżami ġiet miżjuda għall-proċeduri kollha ta' kumitat. Barra minn hekk, qed jiġi propost li l-Kumitat Ġenerali tal-FEK jaqdi rwol addizzjonali barra mill-komitoloġija, fejn jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar suġġetti rilevanti u dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali tal-FEK. Ħafna dispożizzjonijiet ġew aġġustati biex it-test jiġi ċċarat aktar f'termini tad-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni, filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà meħtieġa tal-FEK.

Fil-livell strateġiku, l-Istati Membri jkollhom rwol ċentrali fl-istabbiliment tal-prijoritajiet billi jagħtu kontribut fi stadju bikri dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali għall-FEK, filwaqt li jitqiesu l-elementi rilevanti kollha, inkluż ix-xejriet tal-kompetittività fit-tul u l-oqsma ta' falliment tas-suq, li l-Kummissjoni jeħtieġ li tqishom meta tfassal dokument strateġiku pluriennali tal-FEK.

Fl-istess ħin, l-objettivi ġenerali tal-FEK ġew żviluppati aktar u żdied qafas għall-istabbiliment ta' **kriterji ġenerali għall-aġġudikazzjoni** fil-programmi ta' ħidma, skont l-għamla tal-appoġġ tal-UE, li huwa marbut mill-qrib mal-objettivi ġenerali.

- b) It-test rivedut jiċċara **l-komplementarjetajiet u s-sinerġiji** bejn il-FEK u fondi u programmi oħra tal-UE u l-koordinazzjoni tagħhom. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni u suġġetti rilevanti oħra fil-kuntest tar-rabta mill-qrib mal-programm qafas għar-riċerka **Orizzont Ewropa** li jmiss, inkluż f'termini tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni u ta' eliġibbiltà, ir-regoli għall-assoċjazzjoni, il-kumitati ta' evalwazzjoni, is-sħubijiet u r-rabta mal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni.

Sabiex jiġi żgurat li titqies kif xieraq il-perspettiva tal-komunità ta' Orizzont Ewropa dwar l-istabbiliment tal-prijoritajiet għall-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni implimentati permezz tal-programmi ta' ħidma tal-FEK, l-istruttura proposta tipprevedi **sessjonijiet konġunti** tal-Kumitat Ġenerali tal-FEK fir-rwol konsultattiv strateġiku tiegħu mal-Kumitat Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 17b fir-rwol konsultattiv tiegħu, għall-punti fl-aġenda marbuta mar-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, inkluż dwar il-parti tad-dokumenti strateġiċi pluriennali rispettivi tagħhom li huma relatati mal-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, li jeħtieġ li jitqiesu mill-Kummissjoni meta timplimenta attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni.

- c) L-emendi li jikkonċernaw l-**Istrument InvestEU tal-FEK** ġdid li ġie propost għandhom l-għan li jallinjaw il-karatteristiċi ewlenin aktar mill-qrib mar-regoli tal-Programm InvestEU eżistenti, filwaqt li jżommu l-oġettiv tal-FEK li jiffinanzja speċifikament proġetti assoċjati ma' riskju ogħla. Bħala sieħeb ta' implimentazzjoni, il-Grupp tal-BEI ngħata rwol aktar b'saħħtu, u ġew iċċarati d-dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għall-iscale-ups. Żdied artikolu li jippermetti l-kombinamenti ta' portafolli.
- d) Emendi oħra tal-Presidenza jinkludu enfasi akbar fuq l-**intrapriżi żgħar u ta' daqs medju** (SMEs) permezz ta' elementi addizzjonali b'appoġġ għall-SMEs, b'mod partikolari fil-programmi ta' ħidma u fsejthet iddedikati, u inċentivi biex jiġi attirat u mobilizzat il-kapital privat.

B'intenzjoni simili, id-dispożizzjonijiet dwar il-**Konsulenza għall-Proġetti tal-FEK** u dwar l-**appoġġ għan-negozju** ġew estiżi wkoll, u b'hekk ittejjbet ir-rabta bejn l-għarfien espert taċ-ċentru ta' konsulenza InvestEU eżistenti u n-Network "UE għan-Negozji" futur, filwaqt li ġiet żgurata enfasi aktar b'saħħitha fuq l-istabbiliment ta' sinerġiji mal-istrutturi nazzjonali eżistenti u l-għoti ta' opportunitajiet ta' sħubija, inkluż għall-punti ta' kuntatt nazzjonali.

- e) L-aktar emendi importanti relatati mat-tieqa ta' politika tal-**industrija tad-difiża** jinkludu dispożizzjoni ġdida li għandha l-għan li tiżgura sjieda u kontroll aktar b'saħħithom min-naħa tal-Istati Membri fejn jidħlu d-deċiżjonijiet ta' aġġudikazzjoni f'dik it-taqsim ("komitoloġija doppja"). Barra minn hekk, saru diversi bidliet importanti biex jiġu żgurati l-kontinwità u l-konsistenza mal-acquis industrijali tad-difiża eżistenti, b'mod partikolari l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP).

Ġie ċċarat ukoll li l-iżvilupp tal-ħżin tal-fjuwil u tas-sistemi ta' akkumpanjament jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEK.

- f) Fit-tieqa ta' politika tal-**ispazju**, saru emendi kbar dwar is-**subkomponent il-ġdid tas-Servizz Governattiv għall-Osservazzjoni tad-Dinja (EOGS)**, fejn it-test jiċċara l-approċċ gradwali fejn l-ewwel isiru akkomunament u kondivizzjoni tar-riżorsi, it-tieni, issir analiżi tad-diskrepanzi, u t-tielet, abbażi ta' dan, il-Kunsill jiddeċiedi dwar l-iżvilupp ta' kostellazzjoni satellitari. It-test jinkludi wkoll dispożizzjonijiet ġodda dwar il-parteċipazzjoni fl-EOGS u dwar ir-rwol essenzjali ta' Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea fil-forniment ta' data u servizzi.

Bidliet oħra jinkludu kjarifiki dwar is-servizzi, l-attivitajiet u r-rekwiżiti għad-diversi komponenti jew subkomponenti, dwar l-istabbiliment tal-livelli ta' prestazzjoni mistennija mis-servizzi operazzjonali pprovduti minn dawk il-komponenti, u dwar ir-rwol tal-Aġenzija Spazjali Ewropea.

V. **KONKLUŻJONI**

16. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) mistieden jadotta approċċ ġenerali parzjali dwar it-test kif jinsab fid-dokument 10491/26 + COR 1.